Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 18 – Il-Hamis, 27 ta' Novembru 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar Il-Ħamis, 27 ta' Novembru 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Joseph Debono | Viċi Sindku |

**18.1 Talba**

18.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**18.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

18.3.1 Ġiet trattata l-iskuża mingħand il-Viċi Sindku li ma setax jattendi għal-laqgħa peress li jinsab barra minn Malta.

**18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.4.1 Is-Sindku għamel referenza għat- talba mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex nagħtu lista ta' toroq li hemm bżonn jsiru f'Għajnsielem. Intlabna sabiex nagħtu mhux aktar minn 10,000 metru kwadru. Ikkuntatjna l-Perit Edward Scerri fejn għamel BOQ u siteplans ġodda jew aġġorna dawk li diġa kellu billi kien il-Perit fuqhom u fuq qbil li dejjem qbilna fuqhom. L-unika triq li ma daħlitx hija Triq Patri Odorik peress li dik hija triq privata. It-toroq li applikajna għalihom huma dawn:-

| ISEM TAT-TRIQ | SURFACE AREA | ASPFALT | CEMENT |
|---|---|---|---|
| **Triq Baħħara** | 495sqm | €67,382 | / |
| **Triq Ġużeppi Cauchi** | 710sqm | €95,064 | / |
| **Triq Wied San Martin** | 1277sqm | €164,735 | / |
| **Triq Lord Nelson** | 365sqm | / | €26,806 |
| **Triq Ġużeppi Ciantar** | 407sqm | €70,939 | €36,167 |
| **Triq Balzunetta** | 460sqm | / | €24,584 |
| **Ta Bordin** | 3,304sqm | / | €204,982 |
| **Triq Għajnsielem** | 2262sqm | €296,620 | / |

18.4.2 Is-Sindku spjega kif il-Ministru għal Għawdex u Ippjanar ħabbar li ser jgħin lil Kunsill biex jitwettaq il-proġett tal-Pjazza wara li tlabnih biex jgħin u jidħol partner magħna f'dan il-proġett. B'sodisfazzjon nilqgħu din l-aħbar minkejja li għadna ma rċevejna l-ebda agreement bil-miktub.

18.4.3 Is-Sindku għamel referenza għall-kuntatt li sar mal-Inġinier tal-Water Services Corporation rigward it-tender li nħareg tal-New Water fi Triq Bordin. Huwa spjega l-preokkupazzjoni tagħna peress li f'din l-istess triq sar proġett tar-Resurfacing iffinanzjat mill-EU u ilu inqas minn 5 snin. Sar qbil li għandna navżaw b'dan lil Managing Authority u ARPA u naddottaw il-proċeduri meħtieġa.

18.4.4 Is-sindku speja kif is-Sur William Sultana li kien joffri s-servizz tal-etendering ser jieqaf milli joffri dan is-servizz. Huwa propona li għandna nqabbdu lil xi ħadd flok. Il-Kunsill qabel li għandu jibda jassenja dan ix-xogħol lis-Sinjura Michelle Vella li toffri dan is-servizz ukoll anke f'Kunsilli Lokali oħra.

18.4.5 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-approvazzjoni li rċevejna mid-Direttorat ta' Eko Għawdex li se ningħataw il-fondi sabiex isir rinovazzzjoni tal-isqaq Nru 1. Triq Hamri li jagħti

għal Triq Sant 'Antnin. Qed nistennew sabiex niffirmaw il-kuntratt u b'hekk ikun jista jinħareġ t-tender.

18.4.6 Is-Sindku nforma lill-kunsillier li ġejna infurmati minn Xterra li s-sena li gejja se jsiru il-World Trail Camps in Gozo 2026 fid-9 ta' Mejju 2026. Dan ċertament huwa ta' unur għal Għajnsielem u l-attivita se tkun qed issir fil/Pjazza Madonna ta' Loreto minħabba l-attendenza kbira li hi mistennija ta' kompetituri.

18.4.7 Is-Sindku, f'isem il-Kunsill rringrazzja lill-kunsillier Larry Buttigieg tas-servizz li nghata flimkien mal-Ministeru tas-Sahha , tabib u nurse fl-ghoti tal-labra tal-influenza lir-residenti taghna.

18.4.8 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal fatt li l-Kunsill applika għal proġett tal-Unjoni Ewropeja ieħor taħt il-programm Horizon flimkien ma' Tolfa bl-isem Urban Youth for Resilience (UY4R). Nittamaw fl-aħjar riżultat.

18.4.9 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza wkoll għall- Applikazzjonijiet għal programm tal-Karnival 2026 kemm mal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kif kien maqbul, din is-sena l-Karnival se jsir bil-mod tradizzjoni nhar is-Sibt 14 ta' Frar 2026 bejn is-2pm u l-4pm quddiem il-Każini.

18.4.10 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li rċevejna mill-Awtorita tal-Ippjanar li l-permess għal wiċċ bic-cement fi Triq Bordin ġie approvat.

18.4.11 Is-Sindku ghamel referenza ghal kuntatt li kelli minn familjari ta' Dun Karm Xerri li serva bhala rettur tal-Kappella ta' Kemmuna ghal snin twal sabiex naghmlu xi tip ta' mafkar bhala rikonoxximent mal-Kappella. Sar qbil li ghandna nressqu din il-proposta lir-Rettur ta' din il-kappella.

18.4.12 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li għamlitlu Mary Portelli tal-Mosaic, sabiex dik il-mosaic li hemm f'Bethlehem inpoġġuha x'imkien permanenti. Ġew diskussi postijiet fejn tista titpoġġa fosthom bejn iż-żewġ każini pero' ma deherx li nlaħaq ftehim.

18.4.13 Is-Sindku rega' talab l-opinjoni tal-kunsilliera dwar fejn ser tigi nstallata t-telephone box jekk hux fejn kienet originarjament fil-Pjazza l-qadima jew inkellha minflok il-planter li hemm fil-pjazza ħdejn ta' Mawru. Il-Kunsill qabel ma' l-aħħar verżjoni.

**18.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

18.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lil Ministru għal Għawdex u Ippjanar talli għoġbu jissieħeb magħna fil-proġett tal-Pjazza billi ser jiffinanzja fil-parti 'l kbira minnha. Is-Sindku wieġeb li l-kumplament tal-finanzjament ser isir ukoll mill-fondi tal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar permezz tal-fondi tad-DPF jiġifieri kull kif mill-ministeru tiegħu ser neħduhom. Sar qbil li xhin nagħtu rendikont tal-finanzjament tal-proġett għandna nagħtu spjegazzjoni dwar kif ġraw il-fatti. Dan minħabba xi kritika ta' xi uħud fuq is-social media.

18.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jitnaddaf il-passaġġ u l-Wied ta' tat il-Grand Hotel. Huwa propona li għandna nressqu din it-talba lill-Ministeru biex issir bil-ħaddiema tiegħu.

18.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nerġgħu nwaħħlu l-bank li kien inqala' minn ħdejn id-dentistrija fi Triq l-Imġarr sabiex saret ir-rampa.

18.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-problema tal-karrijiet li hemm fi Triq tal-Heliport. Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li kellna mal- Pulizija u mas-Sindku tax-Xewkija. Sar qbil li għandna nwaħħlu l-avviż u nsib kuntrattur li jeħodhom.

18.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-parti ta' Triq J F de Chambray bejn il-Każin tal-Banda u l-Monument sabiex jinżebghu parking bays peress li qed jipparkjaw bl-addoċċn u jitħarbtu l-parkeġġi. Sar qbil li għandna nibgħatu l-proposta lil Transport Malta.

18.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar is-shifting of disabled parking bay. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Deborah Camilleri ta' Transport Malta biex naraw il-way forward.

18.5.7 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona sabiex isir Reserved Parking għall-użu tal-Ufficju Parrokjali waqt il-ħiniijet tal-quddies.

18.5.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa dwar meta ser jinżabru s-sigar ta' Triq il-Ġnien. Is-Sindku wieġbu li ser jinżabru nhar l-Erbgħa.

**18.6 Korrispondenza**

18.6.1 Waqt il-laqgħa kienu preżenti membri mis-Sinfonia del Sole fejn peress li ser jagħlqu 10 snin imwaqqfa, bgħatulna ittra fejn talbuna assistenza finanzjarja biex jittellghu sensiela ta' attivitajiet li jikkommemoraw dan l-avveniment. Xi membri mill-għaqda ġew mistiedna għal-laqgħa biex jiddeskrivu l-pjanijiet tagħhom. Sar qbil li għandna ngħinuhom billi napplikaw mal-Kultura għal fondi. Fost proposti tagħhom huma li ser jibdlu logo biex jagħmlu wieħed kommemorattiv fl-okkażżjoni tal għaxar snin. Għal launching ta' dan il-logo ser tinżamm wirja tar-ritratti dwar l-importanza tal-volontarjat u wara jsir, riċeviment żgħir . Qed jiġi stmat li l-inawgurazzjoni ssir għal bidu tas-sena 2026.

18.6.2 Ġiet trattata l-multa ta' €1000 mill-Awtorita tal-Ippjanar rigward xogħolijiet mhux skond il-permess fi Triq il-Briegħen peress li twessgħet aktar milli pjanat.

18.6.3 Ġiet trattata l-korrispondenza li rċevejna mill ARMS ittra legali biex jitħallas kont ta €470,78 tal meter mitluf fil-Pjazza tad-Dehra. Biex jitneħħa l meter trid ssir dikjarazzjoni li ntilef u titħallas multa ta' €1500. Il-Kunsill qabel li nitkellmu mal-Enemalta dwar l-aħjar soluzzjoni.

18.6.4 Ġiet trattata t-talba għal Bozza ġdida fi Triq Dun Ġużepp Galea Rapa ħdejn il-maħżen peress li hemm id-dlam. Sar qbil li għandna niċċekkjaw u filkaċ napplikaw għal waħda.

18.6.5 Is-Sindku semma wkoll talba minn diversi residenti sabiex jsir sinjal isfar fi Triq Benghazi ghal Triq Ġnien minħħabba blind spot li tinħoloq kif jinzel t traffiku minn Triq Benghazi meta jipparkjaw fil kantuniera,

**18.7 Update dwar il-Proġetti**

18.7.1 Is-Sindku spjega kif l-inawgurazzjoni tal-progett tat-tisbiħ tal-Faċċata tal-iskola ġiet postpostha għal data aktar tard.

18.7.2 Rigward il-proġett tat-tisbiħ Ta' Lourdes inġabu xi kampjuni ta l-madum iżda ma tantx intlaqgħu tajjeb mill-Perit tal-proġett.

18.7.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-proġett tal-Pjazza tad-Dehra ilna ħafna niġru wara Road Construction biex ikompli għax beda u ma kompliex.

18.7.4 Is-Sindku rrefera wkoll ghal fatt li l-progett tat-taraħ ta' Fuq il-Għajn ser jingħata bidu mmedjat.

18.7.5 Rigward il-proġett tal-arkata għadu ma ngħatax bidu għax qed nistennew il-Method Statement.

18.7.6 Ir-restawr tal-Monument tal-Gwerra jinsab lest ukoll.

**18.8 Wara ż-żjara tal-Ġemellaġġ f'Loretu, l-Italja**

18.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-mawra fl-Italja konnessa mal-Ftehim ta' Ġemellagg ma' Loretu. Huwa esprima s-sodisfazzjon li din l-attivita' rnexxiet ħafna u l-parteċipanti kollha kkollaboraw u ħargu sodisfatti mmens. Inżammu l-workshops kollha u sar skambju ta' ideat u anke rigali. Huwa ħassu ddiżappuntat xi ftit pero' mill-akkoljenza minn naħa ta' Loreto u għal-loġistika taċ-ċerimonja uffi ċjali li kien jixirqilha ferm aħjar.

**18.9 Milied, attivitajiet u Bethlehem f'Għajnsielem 2025**

18.9.1 Is-Sindku għamel referenza għall-istimi miġbura għat-tiżjin tad-dwal tat-toroq. Minħabba li din is-sena għandna ammont inqas ta' flus ser naraw kif innaqqsu minn xi toroq li l-ispiza tagħhom hija kbira, fosthom Triq Fawwara, Central Strip ta' Wied ir-Rgħajjes, ħa nnaqsu xi dwal fi Pjazza Tolfa u il-Fanal. Id-dwal ta' Triq Sant'Antnin naraw li jagħmilhom l-Ministeru peress li hija triq arterja. Il-kunsillier Larry Buttigeg issuġġerixxa li sena oħra nixtru aktar siġar bid-dwal.

18.9.2 Is-Sindku spjega kif ħaġa oħra li ser naqtgħu din is-sena hija s-sound mill-kmamar għax jiġina mal-€1500. Minflok sar qbil li għandna nixtru SPEAKER u jibqa tagħna anke għall-attivitajiet oħra. Is-Sindku spjega kif il-Bridge tal-pond ser jinbidel u ġie jiswa €1200. Ser issir ukoll arkata tal-ħadid fid-daħla tal-pjazza.

18.9.3 Is-Sindku għamel referenza wkoll li qed isir ħafna vandaliżmu fis-sit ta' Bethlehem f'Għajnsielem specjalment minn studenti tal-MCAST. Huwa spjega li bgħat il-filmat lis-surmast tal-iskola fejn bgħatilhom email peress li għarafhom iżda ħabba data protection ma setax itina informazzjoni minn huma.

18.9.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-Għaqda tal-Armar is sena l-oħra ċċargjawna €2000 għal użu tal-lifter għall-armar tal-Christmas Tree. Wara li ċċekjajna stimi oħra li kienu ta' €16 is-siegħa, tlabna li jinżlulna għal-€1200 peress li huwa mportanti li l-lifter ikun hemm il-ħin kollu għal-ħtiġijiet li jinqalgħu. Wara li saru negozjati mal-membri kumitat, aċċettaw it-talba tagħna.

18.9.5 Is-Sindku għamel referenza għaċ-ċerimonja tal-pussess tal-Arċipriet Joseph Hili billi jibda b'quddiesa fil-5:30pm u wara jkun hemm marc bil-banda minn ħdejn il-Kunsill u riċeviment fil-Pjazza. Il-Kunsill kollu huwa mistieden u sar qbil li bħala rigal nagħtuh statwa tal-Madonna ta' Loretu mixtrija apposta minn Loreto, l-Italja.

18.9.6 Bħala attivitajiet oħra principali tal-Milied ġie diskuss il-kalendarju ta' attivitajiet li ser jitqassam f'kull dar u ġie kkonfermat.

**18.10 Ġieħ Għajnsielem 2025**

18.10.1 Sar qbil li ċ-ċerimonja ta' Ġieħ Għajnsielem ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru fis-7:30pm fis-sala tal-Każin tal Banda. Bħala entertainment sar qbil li għandna ninkarigaw lil kantanta lokali Loredana Agius u lil missierha fuq il-pjanu kif ukoll xi siltiet mis-Surmast Frankie Debono. Bħala trofew sar qbil li jinħadem mill-iskultur lokali Joe Xuereb.

**18.11 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

18.11.1 Ġiet preżentata l-iskeda numru 148 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**18.12 Materji oħra**

18.12.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**18.13 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgha ntemmet fil - 6.30pm u ġiet aġġornata għal nharErbgħa, 10 ta' Diċembru 2025 fis-13:00.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***